MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 8/2008

**Webwaves Limited**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Lulju, 2008, il-Bord ta' l-Appelli dwar il-Komunikazzjoni ppronunzja s-segwenti decizjoni:-

> "IL-BORD TA' L-APPELLI (il-Bord) wara li ra l-appell tas-socjeta Webwaves Limited (Is-socjeta appellanti) u r-risposta ta' l-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (l-Awtorita') u wara li ezamina l-provi u d-dokumenti tal-partijiet u wara li sema' t-trattazzjoni tad-difensuri abbli taghhom.
>
> IKKONSIDRA:

1. Illi is-socjeta appellanti talbet dan il-Bord sabiex jirrevoka *in toto* d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' appellanti li biha ordnat l-istess socjeta appellanti sabiex tipprovdi informazzjoni li giet konsiderata bhala ta' natura sensitivita' in konnessjoni ma' l-operazzjoni kummercjali taghha.

2. Illi l-istess socjeta apellanti talbet ukoll li l-multa imposta mill-Awtorita' appellata tigi kancellata u /jew ridotta.

3. Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell kienu li b'decizjoni ta' l-Awtorita' appellata ta' l-4 ta' Frar 2004 giet imposta multa ta' hames liri kuljum fil-konfront tas-socjeta appellanti u dan peress l-imsemmija socjeta appellata "persists in failing to comply with the Authority's requirement and provide the information requested in its letter of the 5th September 2003”.

4. Illi l-Bord ra l-imsemmija ittra tal-5 ta' Settembru 2003 fejn saret riferenza ghal "Internet Service Providers Statistics Form" liema "form" inkludiet "questionnaires relating to previous quarters which still have to be submitted". Kien hemm ukoll intimazzjoni li fil-kaz din il-questionnaire ma jigix sottomess jittiehed "legal action" u li "which may include the imposition of fines or the revocation of the ISP licence". L-Awtorita' segwiet din l-ittra b'ohra datata 24 ta' Ottubru fejn regghet saret twissija ta' imposizzjoni ta' multa fin-nuqqas li s-socjeta appellanti taghmel kif mitluba.

5. Illi is-socjeta appellanti rrispondiet permezz ta' e-mail datat 7 ta' Novembru 2003 li bih esprimiet l-inkwiet taghha li n-natura dettaljata ta' l-informazzjoni setghet tisvela "strategic information" "which can easily be used to give an overview of our strengths and weaknesses and thus enable our competitors to attack sectors accordingly ... There is no need to mention our

company name let competitors figure out such statistical information with pretty accurate results."

6. Illi waqt l-Awtorita' sostniet l-intimazzjoni ta' l-ghotja tal-multa f'ittri ohra, is-socjeta appellanti pprovat tikkopera permezz ta' ittra datata 18 ta' Dicembru 2003 (dok MCA 8). Issottometiet informazzjoni pero ghal darb' ohra esprimiet il-biza li informazzjoni aktar dettaljata u cioe' "total-only ' solution will not work since by using mathematical calculations, a competitor of our company may arrive to exact figures in the region of +/- 8%'. Tenniet ".. from the statistics you issue we are able to calculate very accurately what our competition is doing and we are sure that the competition is doing the same if they have correct statistical tools. We are not in favour of this."

7. Illi l-Awtorita' appellata fir-risposta taghha ghar-rigward tal-"punt kardinali" ta' dan l-appell irrivendikat il-fakulta' li tkun hi bhala r-regolatur ta' dan is-settur li "tiddecidi hi liema dokumentazzjoni u informazzjoni tista' tinghata biex allura l-istess Awtorita' tkun tista' taqdi d-dmirijiet taghha skond il-ligi." Fil-fatt ghaddiet biex timponi l-multa mertu ta' dan l-appell.

8. Illi il-Bord b' mod preliminari jghaddi biex jikkonstata li ma jista' jezisti ebda dubbju dwar il-legittimita' tal-fakulta' moghtija mil-ligi lil xi regulatur ta' settur ekonomiku sabiex jitlob u jigbor dik l-informazzjoni necessarja mill-operaturi kummercjali ta' settur partikolari bl-iskop li jkun f'posizzjoni li jirregola ahjar is-suq relevanti. Il-Bord ekwalment jikkonsidra li l-obbligu ta' operatur huwa li jikkopera ma' regolatur fil-qadi ta' din il-funzjoni tant importanti.

9. Illi l-Bord minn naha l-ohra qed jigi mitlub permezz ta' dan l-appell li jissindika r-ragjonevolezza tat-tip ta' informazzjoni li fil-fatt giet rikjesta mill-Awtorita' mis-socjeta appellanti; haga

li naturalment hi totalment differenti mill-fakulta' ta' l-Awtorita' li titlob l-imsemmija informazzjoni.

10. Illi huwa pacifiku fil-kamp amministrattiv li fil-kamp ta' ragjonevolezza "ghandu jigi applikat il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni f'hin u post partikolari .... u mhux il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni lil bniedem ragonevoli li jhares mill-boghod u ex post facto lejn il-fatti kollha li verament ezistew." (Vella vs. Commissioner of Police 1986).

11. Illi dan qed jinghad peress li mir-risultanzi fattwali rrisulta li s-socjeta appellanti waqt li pprovat tikkopera ma' l-Awtorita' appellata sabet ruhha faccjata b'diffikolta' rizultanti minn inkwiet serju li tisvela dettalji senittivi kummercjali f'moment ta' kambjamenti importanti fis-settur ta' l-ISP's f'Malta.

12. Illi l-Bord fil-kuntest ta' dawn ir-rizultanzi kollha jaghmel distinzjoni importanti bejn l-informazzjoni li l-awtorita' ikollha bzonn waqt li tinvestiga operatur meta nghidu ahna, jista' jezisti suspett li seta' ma ottemperax ruhu ma' xi regolament jew ligi. F'dan il-kuntest ikun certament ragjonevoli anzi rikjest li l-Awtorita' timponi multa fil-kaz li operatur ma jikkoperax ghal kollox mat-talba ta' l-Awtorita' ghall-informazzjoni.

13. Illi l-Bord pero' ma jhossx li l-istess ghandu japplika fil-kaz li operatur ma jkunx ghaddej inkjesta jew investigazzjoni u jkun rikjest li ighaddi informazzjoni biex l-awtorita' tkun f'posizzjoni li tirregola ahjar s-settur in generali.

14. Illi fil-fattispecie tal-kaz irrizulta lill-Bord li s-socjeta appellanti ma kinitx involuta f'ebda investigazzjoni jew inkjesta ta' xi ksur jew nuqqas ta' osservanza ta' xi ligi jew regolament. Lanqas ma jirrisulta mill-provi li s-socjeta appellanti opponiet li taghti l-informazzjoni rikjesta izda offriet

li din tinghata b' mod differenti minn kif rikjest mill-Awtorita'.

15. Illi fi-dawl ta' dawn ir-rizultanzi kollha il-Bord ighaddi biex jikkonsidra is-sottomissjoni maghmula mill-Awtorita' appellata li l-bazi ta' l-ghotja ta' multa de quo tohrog mid-disposizzjonijiet tar-regolament 3 ta' l-Avviz Legali 231 tan-2002 u fil-fatt ghaddiet biex tikkwota parti minnha senjatament: "jekk l-Awtorita' 'tkun sodisfatta li provveditur awtorizzat ikun kiser xi disposizzjoni ta' l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew xi awtorizzazzjoni. L-Awtorita' tista' timponi ... penali...."

16. Illi l-Bord wara li ra d-disposizzjonijiet kollha citati mill-Awtorita' appellanti in sostenn tat-tezi taghha dwar l-ghotja tal-multa de quo tasal ghall-konkluzjoni li imkien ma rrisulta mill-provi li l-Awtorita' allegat il-ksur dirett ta' xi regolament jew ligi specifika li allura setghet wasslet ghal htiega ta' informazzjoni aktar dettaljata. Fil-kamp ta' l-ghoti ta' multi mhux kull rikjesta mill-awtorita' twassal ta' bil-fors ghal imposizzjoni ta' multa . B'aktar konsultazzjoni soluzzjoni ragjonevoli kienet fil-protata ta' partijiet.

17. IL-BORD GHALHEKK JIDDECIDI li l-imposizzjoni ta' multa ta' hames liri kuljum sabiex iggieghel provvditur ighaddi informazzjoni ta' natura generali meta l-imsemmi provvditur kien qed jikkopera ma' l-Awtorita' u meta ma kienx investigat ta' xi ksur ta' xi regolament jew ligi, tirrendi l-istess imposizzjoni ta' multa manifestament irragjonevoli u ghal kollox sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

18. IL-BORD ghar-ragunijiet fuq imsemmija jiddecidi sabiex jannulla ghal kollox il-multa imposta mill-Awtorita appellata.”

L-obbjezzjoni ta' l-Awtorita` rikorrenti fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma fl-ordni segwenti:-

(1) Is-sentenza hija nulla ghax inghatat minn Bord kompost minn membru li ma kienx hekk appuntat bhala membru tieghu;

(2) Inoltre, is-sentenza hi nulla ghaliex il-Bord ma kienx kostitwit fid-data ta' l-ghoti tad-decizjoni;

(3) Ukoll, is-sentenza hi nulla ghaliex il-Bord kien diversament kompost fid-data ta' l-ghoti tad-decizjoni;

(4) Il-Bord naqas milli jikkonsidra d-disposizzjonijiet tal-ligi u l-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-kumpanija, jew interpretahom zbaljatament;

Fit-twegiba taghha l-kumpanija appellata, kwantu ghall-ewwel tliet aggravji procedurali tissottometti illi n-nullitajiet akkampati mill-Awtorita` appellanti ma jregux, tant ghaliex il-Bord kien sew kompost u sew ukoll kostitwit, tant ghaliex in kwantu Bord amministrattiv, u mhux Qorti, it-tibdil fil-komposizzjoni tieghu ma jirrendix nulla d-decizjoni tieghu. Fir-rigward ta' l-appell fil-meritu l-kumpanija tissolleva l-pregudizzjali illi l-istess appell jikkontjeni punt ta' fatt li mhux sindakabbli minn din il-Qorti;

L-Awtorita` appellanti tfisser l-ewwel motiv ta' aggravju fuq il-bazi tad-deduzzjoni illi l-Inginjier Anthony Muscat qatt ma gie appuntat bhala membru tal-Bord ta' l-Appelli dwar it-Telekomunikazzjonijiet u dan, skond l-istess Awtorita`, jgib li s-sentenza nghatat minn Bord kompost minn persuna li qatt ma kellha l-hatra. In-nullita` eccepita fuq din il-bazi ma tidherx li hi fondata. Mill-istess estratt tal-Gazzetta tal-Gvern (22 ta' Jannar, 2008) esebita mill-Awtorita` mar-rikors ta' l-appell taghha jirrizulta li l-persuna imsemmija kienet tikkonfigura bhala wahda mill-membri tal-Bord b'effett mis-16 ta' Jannar, 2008. Is-sentenza appellata nghatat fit-28 ta' Lulju, 2008 u,

konsegwentement, ma jistax legittimament jinghad illi l-Bord ma kienx, ghar-raguni ventilata sew kompost;

It-tieni motiv ta' nullita` tas-sentenza hu koncepit fis-sens illi ma kienx jirrizulta illi f'gheluq it-terminu ta' hatra, li skond l-Awtorita` appellanta avvera fid-29 ta' Lulju, 2006, il-Bord rega' gie ri-appuntat. Issa apparti dak li nghad hawn fuq, u apparti wkoll illi fil-mument tad-decizjoni l-Bord kien formalment ri-appuntat (16 ta' Jannar, 2008), jekk tabilhaqq kien hemm, kif allegat, in-nuqqas tar-ri-appuntament kien jinkombi fuq l-Awtorita` appellanti illi fiz-zmien opportun tissolleva din il-mankanza. Mhux accettabbli illi l-Awtorita` appellanti tqajjem din il-kwestjoni f'dan l-istadju wara li fl-ewwel istanza baqghet passiva u halliet li jsiru atti ohra wara d-data tad-29 ta' Lulju, 2006 minghajr ma qajmet dik l-irregolarita`. Ukoll dan l-aggravju procedurali qed jigi respint;

Fl-ispjegazzjoni supplita mill-Awtorita` appellanti ghat-tielet motiv imqanqal tan-nullita tad-decizjoni din tghid illi originarjament il-Bord kien kompost mic-Chairman Dr. Austin Bencini u l-membri Albert Balzan u Charles Sciberras mentri, invece, fiz-zmien tad-decizjoni dan kien kompost mic-Chairman u l-membru msemmi Charles Sciberras u l-Inginjier Anthony Muscat. Tissottometti allura illi la hi ma kienetx hekk informata b'dan it-tibdil fil-komposizzjoni jigi li l-Bord agixxa bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Il-precitat Artikolu 216 tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi "s-sentenza ghandha tinghata mill-imhallef jew magistrat li quddiemu tkun instemghet il-kawza; u meta jkun hemm izjed minn imhallef jew magistrat wiehed, minn wiehed minnhom; izda b'dan illi l-imhallef jew il-magistrat li jippresjedi dik il-qorti jista' jaghti sentenza hu minghajr ma jattendu l-membri l-ohra tal-qorti sakemm dik is-sentenza tkun iffirmata mill-anqas minn zewg membri tal-qorti". Ragonevolment, din id-disposizzjoni tfisser illi fl-ghoti ta' sentenza, ghal kaz fejn il-qorti tkun wahda kolleggjali,

bizzejjed li jippresjedi gudikant wiehed. Dak li hu aktar fondamentali skond dan il-vot tal-ligi hu li d-decizjoni hekk pronunzjata tkun ghal ta’ l-anqas sottoskritta minn zewg membri. Fil-kaz prezenti l-original tas-sentenza appellata hu ffirmat mill-komponenti kollha tal-Bord, kompriz il-membru surreferit Anthony Muscat li, kif aktar ‘il fuq inghad, gie gazzettat bhala membru b’effett mis-16 ta’ Jannar, 2008;

Evidentement, kif gja osservat, l-accent li jaghmel il-provvediment suddett huwa fuq il-firma mill-gudikant tas-sentenza in kwantu kostitutiv essenzjali taghha. Fil-konkret din il-firma jew firem jirrizultaw konformament ghal dak il-provvediment. Veru li wiehed mill-firmatarji ma kienx membru originarju tal-Bord meta l-kaz kien qed jigi trattat quddiemu, u jista’ jkun ukoll il-kaz illi l-Awtorita` appellanti ma kienetx xjenti mit-tibdil fil-komposizzjoni fiz-zmien tas-sentenza. Dan, pero`, ma jgibx in-nullita` pretiza meta jirrizulta b’certezza illi s-sentenza, bi, jew minghajr, il-firma ta’ l-Inginjiert Muscat, kienet xorta wahda valida bil-firem taz-zewg membri l-ohra tal-Bord fit-terminu ta’ l-Artikolu 216. Ikollu jinghad, illi l-ipotesi tan-nullita` prospettata mill-Awtorita` appellanti mhix tenibbli u, dippju, ma tincidi b’ebda mod fuq l-ezistenza guridika u l-validita` tas-sentenza. Anke dan l-aggravju qed jigi ghaldaqstant skartat;

L-ezami tar-raba’ aggravju jintroduci dibattitu fuq il-mertu tas-sentenza appellata. Sostanzjalment, l-Awtorita` appellanti tadduci b’argoment illi l-Bord naqas milli jippresta attenzjoni adegwata lid-disposizzjonijiet tal-ligi principali (Kapitolu 399) u lir-regolamenti maghmulin tahtha <u>jew</u> altrimenti interpretahom erronjament. Sottostanti dan l-argument hemm dak ta’ l-insistenza rikorrenti taghha illi s-socjeta` appellata kienet fl-obbligu li tforniha bit-taghrif rikjest minghandha. Fil-kaz konkret, taghrif ta’ statistika dwar il-provvista ta’ servizzi fil-kamp tas-servizzi ta’ l-internet ghall-ewwel sitt xhur tas-sena 2003;

Qari konciz tas-sentenza attakkata jistabilixxi illi l-Bord ghamel esposizzjoni qasira tal-gravam devolut lilu mis-socjeta` appellata, irrikonoxxa l-potesta vestita mil-ligi fl-Awtorita` li titlob l-informazzjoni minghand il-provvedituri tas-servizzi, ezamina r-ragonevolezza tax-xorta tat-taghrif li fil-kaz partikulari ntalab minghand is-socjeta` appellata, u ghadda biex iddetermina illi, la din is-socjeta` ma kienetx involuta f'xi investigazzjoni jew inkjesta, u lanqas ma irrezistiet it-talba li sartilha, jekk mhux ghall-offerta minnha ta' taghrif b'metodu differenti, ma kienx hemm lok ghas-sussistenza tal-penali amministrattiva imposta. Penali din li skond il-fehma tal-Bord kienet manifestament irragonevoli u sproporzjonata fic-cirkustanzi tal-kaz;

L-Awtorita` appellanti taffronta l-motivazzjoni u l-konkluzjoni ta' din is-sentenza billi tishaq illi skond l-Artikoli 4, 18 u 26 ta' l-Att principali kif ukoll ir-Regolamenti 2 ta' l-Avviz Legali 278/1998 u 21 ta' l-Avviz Legali 170/1999 il-provveditur awtorizzat kien obbligat jghaddilha kull taghrif pertinenti u, f'kaz ta' inadempiment, hi kienet fakoltizzata li timponi penali amministrattivia fit-termini tar-Regolament 3 ta' l-Avviz Legali 231 ta' l-2002. Jikonsegwi minn dan illi ghall-Awtorita` appellanti l-konluzjoni mill-Bord raggunta mhix konciljabbli mal-logika tad-disposizzjonijiet tal-ligi u tar-regolamenti fir-rigward ta' l-obbligazzjoni tat-taghrif addossata fuq il-provveditur u mhix lanqas konfacjenti mar-regolamentazzjoni tal-poter sanzjonatorju li l-ligi tivvesti fiha bhala espressjoni ta' preminenza sostanzjali fil-kaz ta' inadempiment mill-provveditur;

M'hemmx dubju illi s-setgha ta' l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva ghandha t-titolu taghha fir-Regolament 3 predett ta' l-Avviz Legali 231/2002. Mhux lanqas dubitat illi l-presuppost sostanzjali ta' dik l-istess setgha hu kostitwit mis-sussistenza ta' fatt li l-Awtorita` taddebita lill-kumpanija, ossija l-fatt tal-mankanza fis-socjeta` li tipprovdi t-taghrif mitlub. F'termini ta' l-iskarikar tal-piz tal-provi dan kien ifisser illi jekk l-Awtorita` kellha turi u

tipprova l-ezistenza ta' dak l-addebitu, il-kumpanija appellata riedet minn naha taghha tiddizimpenja ruhha billi tipprova illi dak il-fatt adebitat lilha ma kienx rikonducibbli ghal xi inadempiment da parti taghha jew inkella ghal xi qaghda ohra li, fic-cirkustanzi, ma kienetx imputabbli lilha;

Evidentement, l-adozzjoni tas-sanzjoni hu rimess lill-valutazzjoni ta' l-Awtorita` ghax tali jikkostitwixxi dak l-ezercizzju tal-poter diskrezzjonali attribwit lilha mil-ligi u mir-regolamenti. Minn naha l-ohra dik id-decizjoni diskrezzjonali taghha lanqas ma hi wahda assoluta ghaliex kieku kien hekk il-ligi ma kienx ikollha ghalfejn takkorda d-dritt ta' appell lill-Bord kontra dik l-istess decizjoni. Fil-kaz in ezami u in bazi ghar-rizultanzi fattwali li kellu quddiemu, il-Bord, tajjeb jew hazin, sab li kienu jezistu cirkostanzi li jinducuh jissostitwixxi dik id-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` b'dik tieghu. Wiehed jista' ma jaqbelx ma' din id-decizjoni izda dan ma jfisserx illi l-Bord ghamel gudizzju legali skorrett. Hu kien f'qaghda li japprezza liema kienu l-elementi fattwali illi wassluh ghall-konvinciment illi s-socjeta` appellata kellha raguni fl-assunt taghha. B'daqshekk ma ghamel ebda enuncjazzjoni skorretta tal-ligi ghax il-gudizzju tieghu kien, u baqa', artikolat fuq apprezzament ta' provi. Dan anke fejn il-Bord irravviza l-irragjonevolezza u l-isproporzjonalita` tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita`. Dan ghal raguni illi din il-konstatazzjoni giet mill-Bord ghal kollox ibbazata fuq konsiderazzjoni tal-fatti konkreti;

Proprjament, il-principju tal-proporzjonalita` jitlob b'esigenza razzjonali illi bejn il-fatt addebitat u s-sanzjoni l-gudizzju ma jsirx fl-astratt izda b'riferiment ghac-cirkustanzi kollha tal-kaz u dik ta' l-entita` tal-mankanza, konsiderata mill-punto di vista sew oggettiv kif ukoll soggettiv. Fil-kaz kongruwu, kif diga osservat, il-Bord, ghab-bazi tal-fatti quddiemu, sab li kien hemm mill-Awtorita` vjolazzjoni ta' dan il-principju u dan, flimkien mal-valutazzjoni l-ohra tieghu tan-nuqqas ta' korrispondenza ragonevoli tas-sanzjoni f'rapport ma' l-inadempiment attribwit, ikkonducih biex ihassar il-penali;

Maghdud dan, il-Qorti certament tifhem u tapprezza l-preokkupazzjoni ta' l-Awtorita` kemm fir-rigward ta' l-immedjatezza tat-taghrif li hi minn zmien ghal zmien titlob minghand il-provvedituri kif ukoll dik tal-konsegwenzi tad-decizjoni fuq l-effikacita` taghha fil-qadi tal-funzjonijiet statutorji.  Tifhem ukoll illi s-sanzjonijiet mehuda bir-regolamenti ghandhom il-funzjoni afflittiva ta' prevenzjoni specjali di fronte ghal min jonqos u, ukoll, ta' prevenzjoni generali u kwazi intimidatorja fil-konfront ta' provvedituri ohrajn.  Minn naha l-ohra, imbaghad, ma tistax lanqas ma zzommx in mira illi l-principju ta' l-immedjatezza jrid jinstab li jkun sewwa fil-qafas u l-pekuljarita` tal-fattispeci, u, fuq kollox, li l-penali meta inflitta, tkun, fil-kaz singolari, sorretta minn raguni kongruwa.  Il-verifika tas-sussistenza ta' dawn l-elementi fil-kaz in disamina ma gietx hekk stabbilita mill-Bord fuq il-kwadru tal-fatti u, la dan huwa hekk, mhux ghal din il-Qorti li tissindika dik il-valutazzjoni fattwali tieghu.  Lanqas jekk kellux, ghad-determinazzjoni ta' dak il-fatt kif apprezzat, tigi attirata l-operativita` tar-regolament sanzjonatorju.

Ghal dawn il-motivi kollha fuq dedotti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-Awtorita` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------